

DEĊIJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1942**tad-9 ta' Novembru 2021****li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja****IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja, u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja.
- (2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li titħassar l-entrata għal persuna elenkata.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emmendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:*Artikolu 1*

L-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emmendati f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill
Il-President
A. ŠIRCELJ*

¹) ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.

ANNESS

L-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati kif ġej:

- (1) fl-Anness II (Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 8(2)), il-Parti A (Persuni), l-entrata 7 (dwar AL-MAHMOUDI, Bagħdadi) hija mħassra;
 - (2) fl-Anness IV (Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 9(2)), il-Parti A (Persuni), l-entrata 7 (dwar AL-MAHMOUDI, Bagħdadi) hija mħassra.
-